

# L-Istatwa ta' Sant'Indrija 100 sena magħna



mill-Kavallier
**Chris Galea**

Din is-sena l-istatwa tal-patrun tagħna Sant'Indrija tagħlaq 100 sena mindu ġiet fostna għall-ewwel darba. Sant'Indrija, il-patrun tas-sajjieda hu għall-qalb ħafna tal-Fontanin.

Meta s-sajjieda Fontanin bdew jaħdmu u jibnu l-knisja tagħna, mill-ewwel kellhom ix-xewqa li l-knisja l-ġdida tkun iddedikata lill-patrun tagħhom. Però nafu li ftit wara, dawn il-benefatturi kellhom ibaxxu rashom għar-rieda tal-Isqof ta' dak iż-żmien.

Meta Mons. Ġużeppi Grima u Mons. Alfons Marija Hili kienu qed iħabirku biex tinbena l-knisja tagħna bil-għajnuna tas-sajjieda, il-Knisja Kattolika kienet qiegħda tifraħ bil-Ġublew tad-Deheb Episkopali tal-Papa Ljun XIII (†1903). Mons. Giovanni Marija Camilleri, Isqof t'Għawdex (li kien ta l-permess li l-knisja tinbena), ried li tiġi iddedikata lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Huwa kien xtaq li din l-istess knisja tkun tempju Nazzjonali biex ifakkar dan il-Ġublew u fetaħ arborall biex l-Għawdxin kif ukoll il-Maltin jikkontribwixxu għall-bini tal-knisja. Mons. Franġsik Borġ (†1988) u xi qassisin oħra mill-Fontana jagħtu din ir-raġuni l-għaliex il-knisja bdiet tissajjaħ "Santwarju Nazzjonali tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù".

L-għotjiet ta' flus bdew deħlin. Kellha tkun sinjura minn tas-Sliema, Vincenza Paci li kienet ħarġet il-flus biex setgħet inħadmet din l-istatwa ta' Sant'Indrija.

L-istatwarju li kien għamel din l-opra tant għażiża, kien Karlu Mallia minn Ħal Qormi, imlaqqam "il-Lhudi". Karlu Mallia (1880-1930) għalkemm mhux magħruf ħafna għandu xogħol ta' min ifaħħru. Kien ħadem għal xi żmien ma' Karlu Darmanin, statwarju magħruf, u wara mewtu, Mallia xtara bosta forom mingħand il-werrieta tiegħu. Mallia kien iħobb jaħdem statwi ta' bixra lhudija. Hu ken jixtieqhom bil-fattizzi ta' żmien Ġesù. Din kienet ir-raġuni l-għaliex Karlu Mallia baqa' magħruf bħala "il-Lhudi".

Il-festa ta' Sant'Indrija taħbat fit-30 ta' Novembru u bdiet tiġi ċelebrata bil-pompa. Fit-8 ta' Ottubru, 1906 twaqqfet il-Fratellanza ta' Sant'Indrija li kellha tibda tieħu ħsieb l-organizazzjoni tal-festa. L-istatwa l-ġdida nħarġet għall-ewwel darba f'Novembru ta' 1909. Dan l-avveniment importanti jinsab imniżżel fir-rivista "Id-Devot ta' Marija" ta' Jannar 1910, fejn fl-aħbarijiet tax-xahrejn ta' qabel hemm referenza għall-festa, fejn kienu saru paniġierku kif ukoll purċissjoni bl-istatwa ta' Sant'Indrija.

Skont it-tradizzjoni, is-sajjieda Fontanin komplew jagħtu porzjon mid-dħul tagħhom għal din il-festa. Tajjeb li nsemmu li d-devozzjoni lejn Sant'Indrija ma waqfitx hawn. Fl-1910, il-knisja rċiviet b'donazzjoni mill-parroċċa ta' Għajnsielem il-kwadru tas-Sejħa ta' Sant'Indrija tal-pittur Michele Busuttil (madwar is-sena 1820). Ix-xogħol u l-proġetti minn nies dedikati ma waqfux. Fil-parrokat ta' Dun Mikiel Grech, l-istatwa ta' Sant'Indrija ġiet indurata bid-deheb u din kompliet tagħtiha dehra isbaħ u iktar effettiva.

Il-Patrun tagħna Sant'Indrija għandu tabilħaqq ikun meqjum bl-ogħla ġieħ li jixraqlu. Jalla nkomplu fix-xahar ta' Novembru meta taħbat il-festa tiegħu, nagħtuh tislima sinċiera u dinjituża kif għamlu missirijietna.

**Bibliografija**

BEZZINA J., *Fontana. It-Triq ta' l-Għajn*, Gozo 2001.
BEZZINA J., *Fontana u Ġrajjietha*, Victoria 1986.
BONNICI-CALI' R., *Karlu Mallia*, fil-*Leħen is-Sewwa* (2 t'Awissu 1980).
*Id-Devot ta' Marija* (Jannar 1910), 14.

**Ħajr**

Mons. Rużar Ġ. Borġ;
Toni Farrugia;
Librerija Pubblika ta' Għawdex.





*Karlu Mallia, l-istatwarju ta' l-Istatwa ta' Sant'Indrija*